MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Talba Numru. 582/2005

**Stephen Micallef ID No. 378582(M)**

**Vs**

**Charles Azzopardi ID 437575(M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm514.50c (hames mija w erbatax-il lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ghal servizzi rezi mill-attur lill-konvenut ghal Talent Festival li sar fit-8 ta’ Frar, 2004 li jikkomprendu xoghol ta’ *video filming*, *editing* u materjal supplit, kif ukoll ghal Talent Festival iehor li sar fil-31 ta’ Marzu, 2004 liema xoghol jikkomprendi *video filming*, *editing* u ritratti, kif ukoll servizzi rezi f’*birthday party* konsistenti fi gbid ta’ *video* fit-18 t’April, 2004 u dan oltre l-imghax legali mit-18 t’April, 2004.

Bl-ispejjez u bl-imghax.  Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------